**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il- Hamis 30 ta' April 2020.**

**Rikors nru: 34/2017 AGV**

**AB (ID nru;254077M)**
**Vs**
**Dr CD kunjomha xebba E (ID nru; 0134382M), Dr. FD (ID nru: 0180982M), Dr. Martin Fenech u l-PL Melissa Anastasi mahtura bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-minuri GD permezz ta' digriet tal-21 ta' Frar 2017,**
**U**
**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors mahluf ta' AB li jikkonferma il-fatti li gejjin:

1. Illi fit- 28 ta' Mejju 2014, il-konvenuta Dr CD xebba E, weldet tarbija ta' sess maskili bl-isem ta' F u dan skont kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid li jgib in-numru progressiv ta' registrazzjoni 6254/2014 li qed jigi esebit u mmarkat Dok. A;

2. Illi wara dan it-twelid il-konvenuti Dr. CD u Dr. FD izzewwgu nhar is-27 ta' Gunju 2015 (Dok B);

3. Illi l-attur AB kellu relazzjoni intima mal-konvenuta Dr CD minn liema relazzjoni twieled l-imsemmi minuri G nhar it- 28 ta' Mejju 2014;

4. Illi sa ricentement l-attur dejjem kien gie infurmat mill-konvenuta Dr. CD li l-minuri G kien jinsab registrat bhala iben missier mhux maghruf;

5. Illi ghal xi zmien kien hemm dizgwid bejn l-attur u l-konvenuta, liema dizgwid wassal sabiex huma ma baqghux flimkien. Pero' madwar Frar tas-sena 2016, il-partijiet regghu irrijavvicinaw u l-attur beda jqatta' granet shah mal-minuri G u anka beda jiehu hsieb il-bzonnijiet kollha finanzjarji tieghu;

6. Illi recentament ghal darba ohra rega inqala' id-dizgwid bejn l-attur u l-konvenuta u minn dakinhar huwa beda jigi imcahhad milli jara lill-minuri G;
7. Illi meta l-attur mar jigbor kopja tac-certifkat tat-twelid tal-minuri G, huwa skopra li l-istess minuri, gie registrat fuq isem ir-ragel tal-konvenuta u cioe' Dr FD;

8. Illi tenut kont dak kollu hawn fuq premess, jirrizulta car illi l-minuri GDE ma jippossjedix stat ta' filjazzjoni in konformita' mal-att tat-twelid tieghu;

9. Illi l-attur, permezz ta' din il-kawza, qed jitlob sabiex tigi sostitwita l-parti fejn tindika "isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier, u cioe' FD(Pieta'), bil-kliem **AB ( San Giljan, Malta)** u b' hekk l-attur jigi indikat bhala l-missier bijologiku tal-minuri GDE.

**Ighidu ghalhekk il-konvenuti, ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandiex;**

**1.** Tiddikjara illi l-minuri G huwa effettivament wild l-attur AB u l-konvenuta Dr CD, kunjom xebba E.

**2.** Tordna lill-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jeffettwa d-debita korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru progressiv 6254/2014 tal-minuri G, fis-sens illi;

i. Taht il-kolonna fejn hemm indikat isem il-missier l-isem FD (Pieta' Malta) jigi sostitwit bl-isem AB **(San Giljan Malta);**

ii. Kif ukoll wara li jitnehhew il-konnotati tal-konvenut Dr. FD, jigu mdahhal minflok il-konnotati tal-attur fuq l-imsemmi att fil-parti fejn taqra:

(a) Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija (AB)

(b) Professjoni, sengha jew stat iehor ( Direttur ).

(c) Eta' (37 sena),

(d) Fejn twieled (San Giljan, Malta).

(e) Fejn joqghod (Zurrieq).

(f) Isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet (HIB, haj).

(g) Isem u kunjom omm il-misser (JK maghrufa bhala  L nee M),
(h) Kull dettall iehor li tordna dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ingunti in subizzjoni.

**Rat ir-risposta tal-konvenut Dr Martin Fenech u PL Melissa Anastasi datata 20 ta' Marzu 2017 fejn esponew bir-rispett ;**

1. Illi l-esponenti mhux edotti mill-fatti u jirrizerva li jissottometti risposta ulterjuri meta jkun jaf bil-fatti kollha.

**Il-Qorti rat ir-Risposta guramentata ta' Dr FD datata 22 ta' Marzu 2017 fejn espona bir-rispett;**

Primarjament, l-esponenti huwa tal-umli fehma, illi l-azzjoni kif dedotta ma tistax issir fil-konfront tieghu ghal dawn ir-ragunijiet;

1. Mill-qari tat-talbiet huwa indikat li dina l-azzjoni ngabet ai termini tal-artiklu 77 A. Illi din l-azzjoni tista' tingieb minn persuni li tiddikjara illi hija l-missier naturali u li tali minuri kien mwieled fiz-zwieg.
2. Illi mic-certifikat tat-twelid tal-minuri, jirrizulta b' mod car illi l-minuri ma twelidx fiz-zwieg u ghalhekk dawn r-rekwiziti f'dan il-kaz ma jezistux.

3. Inoltre' kif jirrizulta mill-istess certifikat tat-twelid, il-minuri gie addottat mill-esponenti u ghalhekk din l-azzjoni ma tistax treggi fil-konfront tal-esponenti.

4. Illi lanqas li kieku din il-Qorti ghandha tilqa' it-talba, tali talba setghet biss tigi mressqa fit-terminu rikjest mil-Ligi stante illi l-minuri llum ghandu aktar minn sitt xhur.

5. Illi f' kull kaz, fil-meritu, it-talbiet tar-rikorrenti huwa nfondati fil-fatt u d-dritt u dan kif ghandu jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Rat ir-risposta guramentata ta' Dr CD datata 24 ta' Marzu 2017 fejn esponiet bir-rispett u kkonfermat li taf personalment;**

1. Illi preliminarjament, l-inkompetenza ta' din il-Qorti, biex tiddeciedi t-talbet attrici dwar l-istat u registrazzjoni tal-minuri GDE.

2. Il minghajr pregudizzju l-attur ma ghandux legittimazzjoni attiva biex jipprocedi bit-talbiet tieghu, f' din il-kawza.

3. Illi f' kull zmien l-ewwel talba attrici ghandha tigi michuda billi l-minuri GDE huwa legalment bin l-esponenti u zewgha l-konvenut Dr FD, u ma ghandu ebda relazzjoni mal-attur.
4. Illi f' kull kaz ukoll, it-talbiet kollha attrici huma infondati fil-fatti u fil-Ligi, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Il-Qorti rat ir-Risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 27 ta' April 2017;**

1. Illi preliminarjament din l-azzjoni tidher li hija intempestiva, u dan ghaliex ma kienetx preceduta minn ittra ufficcjali li l-attur kien behsiebu japplika ghar-registrazzjoni sabiex ikun jista' jaghraf lil ibnu u dana skont kif inhu rikjest mil-artiklu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, u fil-mertu, l-esponenti jistqarr li ma huwiex edott mill-fatti li gew dikjarati fir-rikors guramentat;

3. Illi stante s-suespost, f'dan l-stadju, l-esponenti jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istuttorji u umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti, sabiex tistieden lil-partijiet kollha kkoncernati sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-artiklu 100 A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jigi vverifikat jekk l-attur huwiex verament il-missier naturali tal-minuri GDE;

4. Illi bla hsara ghall-premess f' kaz li t-talbiet kif dedotti jintlaqghu minn din l-Onorabbli Qorti, l-esponenti ha konjizzjoni tad-dettalji kollha tal-attur li huma elenkati fir-rikors guramentat tieghu, sabiex f' tali kaz dawn id-dettalji jissostitwixxu l-konnotati tal-konvenut Dr. FD , fl-att tat-twelid, tal-minuri GDE. Liema att jgib in-numru progressiv 6254 tas-sena 2014;
5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom ukoll jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri GDE, a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhix attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponenti u kwindi huwa ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti li qed jigi ngunt in subizzjoni.

**Rat ir-Risposta Ulterjuri ta' Dr. Martin Fenech** bhala kuratur tal-minuri fejn eccepixxa illi:-

1. Illi l-esponenti jissottometti illi l-minuri ghandu dritt li jkun jaf min hu missieru naturali u jifforma xi tip ta' relazzjoni mieghu;

2. Illi l-minuri huwa fl-eta' li jista' jaghraf min hu missieru naturali u min hu l-missier li jiehu hsiebu.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat is-sentenza ta' dina l-Qorti datata 14 ta' Lulju, 2017. [1]

Rat is-sentenza preliminari deciza minn dina l-Qorti fl-14 ta' Settembru, 2017 fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni preliminari.[2]

Rat is-sentenza preliminari deciza minn dina l-Qorti fid-19 ta' April, 2018 fejn cahdet it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta Dr. CD.[3]

Rat li b'digriet ta' dina l-Qorti gie nominat Dr. Renald Blundell sabiex jikkonduci t-testijiet tad-DNA fuq l-attur, il-konvenuta Dr. CD, kif ukoll fuq il-minuri.

[1] Ara fol. 49 tal-process.
[2] Ara fol. 99 tal-process
[3] Ara fol. 398 tal-process.

Rat li l-attur irtira t-tieni talba tieghu u qed jibbaza l-kawza fuq it-talba ghad-dikjarazzjoni ta' paternita'.

**FATTI**

1. L-attur kien sar jaf lill-konvenuta Dr. CD fis-sena 2013 u maz-zmien bdew jingibdu lejn xulxin u bdew ikollhom ukoll relazzjonijiet intimi, li halliet lill-konvenuta tqila. L-attur jammetti li kien ferhan hafna u kien jakkumpanja lill-konvenuta ghand it-tabib. Ftit zmien qabel ma twieled it-tifel G, il-koppja kellha xi tghid u l-konvenuta ma kellmitux aktar. Sar jaf li kienet welldet tramite hbieb taghhom u kien ghalhekk li pprova jikkomunika maghha, izda minflok kienet irrapportatu fuq allegazzjonijiet li kien qed jaghtiha fastidju.

   Fis-27 ta' Gunju, 2015, il-konvenuta zzewwget lill-konvenut l-iehor Dr. FD u fi Frar, 2016 regghet bdiet thalli lill-attur jara lill-minuri G. Bejn Frar, 2016 sa Novembru, 2016, kienet hallietu jara lill-minuri kuljum u kien anke jorqod mieghu. Gieli zammu filghodu sakemm il-konvenuta kienet tkun ix-xoghol. Ighid li l-minuri kien jiehu gost joqghod mieghu u kienu jaghmlu granet shah fuq il-bahar bid-dghajsa tieghu.

   Il-konvenuta ukoll kienet tghaddi hafna iljieli ghandu jew hu kien imur id-dar taghha l-Imgarr. Sadanittant, il-minuri kien drah u kien anke jsejjahlu "papa." F' Novembru, 2016 kienu ggieldu u rega' ma bediex jara lill-minuri.

   Ighid ukoll li l-konvenuta kienet registratu bhala iben "missier mhux maghruf" u dan il-fatt kienet ikkonfermatu hi stess quddiem il-Qorti tal-

Magistrati. Meta mar jigbor ic-certifikat tat-twelid sabiex jiftah dawn il-proceduri sab li l-konvenut FD kien gie ddikjarat bhala missier il-minuri G, peress li kien addottah.

Kien ghalhekk li mar ha parir minghand l-avukat li infurmah li FD kien adotta l-minuri u dan meta jghid li lanqas qatt ma kien tah il-kunsens tieghu.

Fit-22 ta' Dicembru, 2016 kien fetah kawza sabiex jigi rikonoxxut bhala l-missier naturali u biologiku tal-minuri G. In segwitu, il-konvenuta u l-familjari taghha bdew jaghmlulu pressjoni sabiex iwaqqa' l-kawza u l-konvenuta twieghdu li ser thallih jara t-tifel. Hekk ghamel u fl-24 ta' Jannar, 2017 ceda l-kawza u ra lill-minuri dakinhar biss u l-konvenuta ma zammitx kelmitha. Ghalhekk kellu jerga' jiftah il-kawza ghad-dikjarazzjoni ta' paternita', li hija l-kawza odjerna.

2. Il-konvenuta kkonfermat li ghall-habta tas-sena 2013 kienet bdiet tohrog mal-attur. Tghid li r-relazzjoni taghhom ma tantx kienet damet u tul dan iz-zmien kien qalilha li kien separat. Wara li nfirdu saret taf li kien ghadu jghix mal-mara u t-tfal.

Tghid li t-tqala spiccat ghexitha wahedha u malli l-attur kien sar jaf li hija tqila beda jheddidha, kif ukoll il-familja taghha. Kienet tmur ghand it-tabib wahedha u kompliet tahdem, izda minhabba li t-tqala kienet wahda difficli t-tabib kien iddecieda li jwellidha qabel iz-zmien.

It-tifel twieled fit-28 ta' Mejju, 2014 u nel frattemp kienet iltaqghet ma' FD. Mill-ewwel tghid li t-tifel kien qisu ibnu ghax mill-bidu tar-relazzjoni kien dejjem maghhom. Ghalhekk, tghid li kienet haga naturali li jaddottah

u sal-gurnata ta' llum F kien imantni lill-minuri, minkejja li kienet tahdem ukoll. Sadanittant tghid li l-attur kien kontinwament iheddidhom. Tichad li kienu jiltaqghu tul il-Milied jew ghall-birthday ta' ibnu.

Il-konvenuta tkompli tghid li l-attur dam sentejn shah fejn ippretenda li t-tifel minuri ma kienx tieghu u lanqas talab biex jarah, sakemm il-konvenuta u FD kienu ghamlu xi hames xhur mhux flimkien u l-attur rega' beda jfittixha. Tikkonferma li tul dan il-perjodu gieli ltaqghu u kienu anke jmorru fuq id-dghajsa tal-attur. Izda ciononostante lanqas qatt ma offra xi hlas ghall-minuri. Kien ukoll konsapevoli li l-minuri kien gie addottat minn FD.

F'Novembru, 2016 reggghet rat ghajn hazina minghand l-attur u fethet qalbha mar-ragel taghha u per konsegwenza kienu regghu rrikonciljaw. Peress li l-attur kien kontinwament ihedded lill-konvenuta, ma kienitx thossha sikura u l-istess theddid kien kompla fil-konfront tal-familja taghha, tant li kellhom imorru jghixu flimkien go residenza ohra u kien a spejjes taghha. Kienet tigi akkumpanjata minn Group 4 Security.

3. Il-Profs. Renald Blundell ikkonferma li ma kienx ghamel it-testijiet tad-DNA hu stess, izda kien qabbad lill-kumpanija li ilu jahdem maghhom ghal dawn l-ahhar tnax-il sena u flimkien kienu pprezentaw xi elf sample ghall-Qorti.

   Jikkonferma li ma kienx ipprezenta r-rapport fir-Registru ghax ighid li l-istruzzjonjiet li kellu kienu li jghaddih biss fis-sigrieta. Il-pagamenti saru meta ha s-samples, ghax ikun irid ihallas sabiex jibghathom il-laboratorju. Kien hallsu l-attur. Ighid li ilu jahdem b'din is-sistema ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena.

Jikkonferma ukoll li kienet procedura li jiehu r-ritratti tal-persuni li taghhom irid jiehu t-testijiet tad-demm. Imbaghad dawn ir-ritratti jibghathom il-laboratorju fejn jigu "scanned" u din skond il-procedura tal-accreditation system.

**4.** Spettur Silvana Gafa' kienet tahdem il-Vice squad u tghid li kienet taf lill-attur peress li kienet ghamlet investigazzjoni fuqu minhabba rapport mill-Agenzija Appogg fuq allegat abbuz fuq it-tfal tieghu li kienu minorenni u cioe' N u O B. Dana kien fis-16 ta' Mejju, 2014 u kienet arrestat lill-attur fl-20 ta' Mejju, 2014.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

F'dina l-kawza dikjaratorja, l-attur qed jitlob li jigi ddikjarat bhala l-missier naturali u bijologiku tal-minuri u dan anke wara li hass li gie ngannat mill-konvenuta peress li wara li tatu x'jifhem li t-tarbija kienet gie registrata bhala bin "missieru mhux maghruf," effettivament kienet accettat li jigi adottat mir-ragel taghha l-konvenut Dr. FD.

Hemm diversi eccezzjonijiet li ghandhom jigu kkunsidrati u trattati minn dina l-Qorti.

**<u>L-applikazzjoni tal-Artikolu 77 A.</u>**

Il-konvenut Dr. FD eccepixxa illi l-azzjoni odjerna ngabet ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kodici Civili.

L-azzjoni taht dan l-artikolu jirrikedi li l-minuri ikun twieled fiz-zwieg u l-attur qatt ma seta' jipprocedi fuq dan l-artikolu peress li l-minuri kien twieled mir-relazzjoni mal-konvenuta fit-28 ta' Mejju, 2014 u sa dak iz-zmien ma kinitx mizzewwga mal-konvenut Dr .D, ghax iz-zwieg gie ccelebrat fis-27 ta' Gunju, 2015.

Inoltre, l-attur kien diga' ddikjara li l-azzjoni odjerna hija msejjsa fuq l-Artikolu 99 u l-Artikolu 100 li jirreferi ghat-tfal li jitwieldu barra miz-zwieg u ghalhekk m'hemmx lok ghall-applikazzjoni taht l-Artikolu 77A. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi respinta.

**NUQQAS TAL-PREZENTATA TAL-ITTRA UFFICJALI AI TERMINI TAL-ARTIKOLU 86 TAL-KAP.16**

Id-Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa illi l-azzjoni odjerna hija intempestiva u dan stante illi ma kinitx ippreceduta minn ittra ufficjali li tiddikjara li l-attur kien bi hsiebu japplika ghar-registrazzjoni sabiex ikun jista' jaghraf lil ibnu.

Il-Qorti tosserva illi l-Artikolu 86 tal-Kap. 16 jipprovdi dwar id-dritt ta' min jippretendi li hu l-genitur ta' wild imwieled barra z-zwieg li jiehu azzjoni sabiex jigi hekk iddikjarat u sussegwentement irregistrat fl-att tat-twelid. Tali azzjoni tippresupponi illi l-wild hu registrat bhala l-missier mhux maghruf.

Ghalhekk, kif issottometta ben tajjeb l-attur, dan l-artikolu u l-intempestivita' kienet tissussisti li kieku l-konvenuta ma kinitx izzewwget lill-konvenut Dr. D u li kieku ma kienx hemm il-legitimazzjoni bil-konsegwenti adozzjoni tal-minuri, mill-istess D.

**It-TERMINU TA' SITT XHUR**

Il-konvenuta eccepiet ukoll illi l-azzjoni ma nfethitx fi zmien sitt xhur mit-twelid tal-minuri. Kien ghadda hafna iktar zmien.

Il-ligi tikkontempla dan it-terminu jekk l-azzjoni tkun ibbazata fuq l-Artikoli, 77, 77A jew 77B. Diga' gie ssottolineat li l-kawza odjerna ma setghetx giet ibbazata fuq dawn l-artikoli peress li t-tifel minuri ma twelidx fiz-zwieg, izda hija msejsa fuq l-Artikoli 99 u 100. Dawn l-istess artikoli ma jikkontemplawx terminu ghall-prosegwiment b'azzjoni. Ghalhekk per se dina l-eccessjoni hija legalment insostenibbli.

**MERTU**

Fil-mertu, l-konvenuti D jeccepixxu illi m'hemmx lok li l-attur jigi ddikjarat bhala l-missier naturali u biologiku tal-minuri u dan stante li missieru huwa l-konvenut Dr. FD, in segwitu ghall-addozzjoni tal-minuri mill-istess.

L-attur jikkonferma li kellu relazzjoni mal-konvenuta u waqt it-tqala kellhom xi jghidu u kienu hassru. Jghid li lanqas kienet qaltlu li kienet welldet u kien sar jaf minghand terzi, Aktar tard sar jaf tramite proceduri kriminali kontrih, li l-konvenuta kienet irregistrat lill-minuri, bhala bin

"missier mhux maghruf." Hu jinsisti li meta mar biex jottjeni kopja tac-certifikat tat-twelid sabiex jiftah il-kawza ta' dikjarazzjoni ta' paternita' l-ewwel darba, sar jaf li t-tifel minuri kien gie adottat mill-konvenut Dr.FD, il-konvenuta tinnega dan, ghaliex l-attur kien konsapevoli li kienet saret l-adozzjoni u per konsegwenza tissottometti li l-attur accetta li ibnu kien tilef kull konnessjoni mal-familja tieghu.

Il-konvenuta ukoll qiedgha tikkontesta r-rapport tal-Profs. Blundell, stante li minkejja dan kien gie nnominat minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex izomm it-testijiet tad-DNA, kien inkariga lill-kumpanija EuroFins Medigenomix GmbH sabiex tezamina s-sample li ha Profs. Blundell. Il-konvenuta talbet l-isfliz tal-istess rapport, peress li ma giex mhejji mill-istess Profs. Blundell, izda giet indirizzata biss lilu u giet iffirmata minn zewg managers tal-kumpanija Germaniza u ghalhekk ma setax jikkonferma l-istess rapport. Dawn is-sottomissjonijiet gew trattati fid-dettal mill-partijiet b'mod ezawrjenti u ciononostante, dina l-Qorti cahdet it-talba ghall-isfliz tal-istess rapport li nhareg fit-18 ta' Dicembru, 2018.

Huwa minnu li r-rapport ma sarx mill-Profs. Blundell, izda hija prassi li hu stess jikkonferma li ilu juza' ghal dawn l-ahhar tnax-il sena, fejn dejjem hadem id f'id mal-istess kumpanija, b'sistema fejn jiehu l-kampjuni ghat-testijiet genetici u jibghathom f'laboratorju fejn jikkonfermaw ir-rizultati. Profs. Blundell ukoll jipprezenta ritratti tal-individwi kkoncernati, flimkien mal-istess kampjuni li jkun ha. Ghalhekk, m'hemmx dubbju li kollox isir bl-iktar mod professjonali u m'hemmx l-icken dubbju li dan ir-rapport sar b'mod kawt u b'mod responabbli u jirrifletti konkluzjonijiet konkreti.

Izda, dan il-kaz, imur oltre t-testijiet genetici. Il-konvenuta qed tirresisti li tigi akkolta t-talba attrici peress li llum binha ghandu missier adottiv u

m'ghandux bzomm missier iehor, gialadarba l-istat tieghu huwa wiehed legittimu.

Peress li dina l-kawza hija wahda ta' natura delikata u sensittiva, dina l-Qorti gharblet sew il-provi migjuba u tosserva li hemm involuti l-interessi tal-attur, l-interessi tal-konvenuta u fuq kollox l-interessi tal-minuri, li jigu l-ewwel u qabel kollox. Din il-Qorti certament thoss li ghandha ticcita mis-sentenza **Reginald Bugeja vs Charmaine Calleja et**. [4] , fejn ic-cirkostanzi kienu simili u fejn il-Qorti uzat kliem b'sahhithom u kienet ferma u soda fir-ragunar u d-decizjoni taghha u bla ebda ezitazzjoni ser taghmilhom taghha:-

***"Illi dwar l-interess tat-tarbija jidher li ma hemm ebda dubju li l-interess taghha huwa li tigi ndikata bhala bint il-missier naturali taghha u certament li l-istess tarbija ma' ghandhiex tigi mhollija fl-ghama dwar il-vera identita' taghha. Hawn mijiet tat-tfal u kbar li jbatu ghaliex ma jafux min kienu vera l-genituri taghhom, jew il-missier jew l-omm taghhom; u huwa zgur li l-Qorti ma ghandhiex tintuza minn hadd sabiex l-identita' tal-genitur tigi mohbija u lanqas sabiex dritt ta' genitur jigu sottratt. Il-Qrati ma jezistux ghal dan il-ghan, specjalment Qorti tal-Familja. Dina l-Qorti thoss li f'dan il-kaz l-interess tal-minuri u l-interessi tal-missier iwasslu ghall-unika konkluzzjoni plawsibbli fic-cirkostanzi u cioe' li t-talbiet attrici ghandhom jigu lkoll milqugha u l-verita' u l-gustizzja b'hekk mhux biss tinghad fl-astratt, izda ukoll isehh, ghaliex il-konvenuta ma kellha qatt tuza' l-istess procedura ta' adozzjoni ghall-iskopijiet taghha sabiex telimina lill-attur mid-drittijiet tieghu fuq l-istess minuri."***

[4] Deciza fit-30 ta' Gunju, 2004 mill-Qorti tal-Familja

Fil-fehma ta' dina l-Qorti, is-sitwazzjoni gia' nkwetanti u iktar bdiet tiggrava, ghaliex il-konvenuta ma kinitx konsistenti fl-azzjonijiet taghha. Meta kellha xi tghid ma' zewgha, regghet bdiet tiffrekwenta lill-attur, flimkien mat-tifel. Tammetti hi stess li kienu jkunu flimkien, gieli raqdu ghand xulxin u gieli kienu marru fuq id-dghajsa tal-attur u fil-fatt gew prodotti provi in sostenn ta' dan. L-attur anzi jghid li tant kien drah il-minuri, li sahansitra beda jsejjahlu "papa." Il-minuri kien anke joqghod mal-attur waqt li l-konvenuta kienet tkun xoghol.

Dawn il-fatti kollha jirriflettu li, kuntrarjament ghal dak li sottomettiet il-konvenuta, l-attur wera interess f'ibnu. Kull darba tkun l-istess konvenuta li twaqqaf dan l-access a skapitu tal-minuri, kif ghamlet meta ppruvat tikkonvinci lill-attur biex icedi l-kawza li kien originarjament fetah, billi twieghdu li ser turih lit-tifel, u ma zammitx kelmitha, ghajr ghal dik il-gurnata li fiha l-attur ceda l-kawza. Qabel l-attur kien ilu ma jara lil ibnu ghal sentejn shah.  Hija haga ngusta li tilghab bis-sentimenti u l-hajja tal-minuri ghar-ragunjiet egoistici u ccahhdu milli jkompli jara lil missieru bl-abbuz tal-adozzjoni. Fl-opinjoni ta' dina l-Qorti dan imur kontra l-interess tal-istess minuri li qed ikompli jigi mhawwad dwar l-identita' tal-genituri tieghu u ukoll fl-ahhar mill-ahhar tal-identita' tieghu.

Ghalhekk, in vista ta' dan kollu, il-fatt tal-adozzjoni, m'ghandux ikun ta' xkiel ghal dina l-azzjoni hekk limitata ghad-dikjarazzjoni ta' paternita'.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara lill-attur bhala l-missier naturali u bijologiku tal-minuri.

Tenut kont tan-novita' tal-mertu ta' dan il-kaz, l-ispejjes ghandhom jibqghu bla taxxa.

**Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**